


# 80 Sena mill-Bidla fit-Titular u l-Ewwel Festa Titulari ta' San Pietru

*Conrad D'Amato*

Il-parroċċa ta' Birżebbuġa ġiet imwaqqfa nhar id-9 ta' Settembru 1913, fejn dakinhar l-Isqof Pietru Pace għamel il-knisja ta' Marija Addolorata bħala parroċċa indipendenti mill-parroċċi taż-Żurrieq, Gudja, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk. Din il-knisja taf il-bidu tagħha fl-1907 meta l-Kanonku Spiridione Penza li kien saċerdot Bormliż u li fis-Sajf kien jinżel Birżebbuġa, kien iddeċieda li jibni knisja bil-għan li tkun tista' taqdi l-bżonnijiet tan-nies tal-inħawi. Din il-knisja ġiet miftuħa uffiċjalment nhar l-14 ta' Awwissu 1907 mill-Isqof Pietru Pace qabel pontifikal li kien immexxi mill-Isqof Spiridione Polomeni, Isqof ta' Ruspa.[1] Fi ftit snin din il-knisja għamlet avvanzi kbar tant li tkabbret, inbniet il-faċċata li naraw illum u nġiebet vara titulari attribwita lill-istatwarju Karmenu Mallia u li kienet ġiet mogħtija b'rigal mill-Kanonku Achille Refalo. Il-festa titulari kienet issir Ħadd fuq il-15 ta' Settembru fejn jidher li bdiet tiġi ċċelebrata sa mill-1908.



***Il-bini tan-navi***

Ma tantx għadda żmien sakemm il-popolazzjoni tar-raħal kibret frott l-iżvilupp industrjali li beda jseħħ l-aktar fl-inħawi ta' Kalafrana, u għalhekk il-knisja ta' Marija Addolorata bdiet tinħass żgħira. Għalhekk nhar id-19 ta' Settembru 1917 il-Kappillan Dun Karm Buġelli għamel rikors sabiex tinbena knisja ikbar. Jidher li l-ħsieb inizjali kien li din il-knisja tinbena fuq is-sit tal-knisja ta' Marija Addolorata, tant li nhar is-26 ta' Novembru tal-istess sena, l-istess Kappillan kiteb rikors ieħor fejn fih talab sabiex tiġi aċċettata l-art maġenb il-knisja parrokkjali ta' Marija Addolorata li l-familja Attard Montaldo kienet qed tirregala lill-parroċċa għal dan il-għan u taħt ċerti kundizzjonijiet.[2] Però jingħad li l-ġbir għal din il-knisja kien wieħed fqir, tant li l-Kappillan kien iddeċieda li jabbanduna dan il-proġett qabel saħansitra nbeda. Minkejja li l-art imsemmija maġenb il-knisja parrokkjali li kienet tinfed ma' Triq il-Knisja bdiet tintuża mill-parroċċa, però d-donazzjoni tal-familja Attard Montaldo baqgħet ma mmaterjalizzatx uffiċjalment. Għalhekk iktar tard, nhar is-26 ta' Ottubru 1932, Carmelo Micallef li issa kien il-propjetarju l-ġdid tal-art maġenb u wara l-knisja ta' Marija Addolorata, kien ippreżenta rikors legali fejn fih talab lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi sabiex jiddikjaraw li l-bieb li kien jinfed mill-bitħa tal-knisja għall-propjetà ta' maġenba kellu jingħalaq meta l-propjetarji jitolbu dan, u b'hekk jiġi tterminat l-aċċess fuq il-propjetà msemmija.



***Il-Kappillan Dun Anġ Fenech***

Hekk kif il-Kappillan Buġelli temm ħidmietu f'Birżebbuġa, il-parroċċa għamlet kważi tliet snin mingħajr kappillan u f'dan il-perjodu kien inħatar Dun Ġużepp Delia mis-Siġġiewi bħala Vigarju Kappillan. Nhar it-3 ta' Frar 1924 Dun Anġlu Fenech minn Ħal Lija ħa l-pussess bħala t-tieni kappillan ta' Birżebbuġa mingħand il-Vigarju Ġenerali, l-Isqof Anġlu Portelli. Dan is-saċerdot jibqa' magħruf bħala l-iktar kappillan li dam iservi lill-parroċċa ta' Birżebbuġa fejn mexxa parrokkat ta' 28 sena li matulhom inbniet il-knisja parrokkjali l-ġdida.

1 (A)rchivium (P)arrochia (B)irzebbugia, *Ricorsi, Contratti altri Docum.*, 256

2 Ibid., 334.

Li titkabbar il-knisja ta' Marija Addolorata ma kinitx soluzzjoni tajba, għax għalkemm warajha sa ftit snin ilu kien hemm ġnien kbir, però xorta l-art ma kinetx tippermetti li tinbena knisja kbira bħal ma nbniet. Għalhekk ġie deċiż li tinbena knisja kompletament ġdida fuq biċċa art fil-Brolli, fejn kien hemm maħsub pjan għal żona residenzjali ġdida. Kien ġie mqabbad il-Perit Godwin Herbert Galizia sabiex jistma l-art li kienet benefiċċju bl-isem '*Sant Angelo di Hal Far*' magħrufa aħjar bħala 'Tad-Dokkiena' jew 'Ta' Plajtier'. Din kienet għalqa tal-knisja li l-benefiċċju tagħha kien imur għall-knisja ta' Sant'Anġlu f'Ħal Far li f'dak iż-żmien kienet propjetà tan-nobbli Vincenzo Pace Testaferrata. Sal-lum il-ġurnata għad hemm triq li tgħaddi eżatt minn wara l-knisja bl-isem ta' Triq Sant'Anġlu b'tifkira ta' dan il-benefiċċju. Kienet saret pjanta tal-knisja l-ġdida fuq stil Sikolu Normann,[3] li hekk kif l-Isqof Mauro Caruana raha tant għoġbitu li ħareġ is-somma ta' 30 lira sterlina minn butu għall-bini tagħha.[4] It-tħaffir u x-xogħol fuq il-pedamenti beda nhar il-Ħadd 14 ta' Marzu1926, meta l-Kappillan Fenech flimkien ma' xi nies oħra mar fuq il-post u waħħal salib li kien jindika l-post fejn kellu jkun l-artal maġġur.[5] L-ewwel ġebla ġiet imqiegħeda b'mod solenni nhar il-Ħadd 29 ta' Awwissu 1926 mill-Isqof Mauro Caruana assistit miċ-Ċerimonjier tiegħu Mons. Antonio Bonnici.[6] Fuq xewqa tal-Isqof Caruana l-knisja l-ġdida ġiet iddedikata lil San Pietru minħabba li f'Malta kien għad m'hawnx parroċċa ddedikata għal dan il-qaddis.[7] Ix-xogħol ta' kostruzzjoni ġie mmexxi mill-Perit Giuseppe Terreni liema xogħol kien jinkludi wkoll il-bini tad-dar parrokkjali.[8] Ix-xogħol fuq il-bini nbeda mill-imgħallem Indri Vassallo (Taż-Żlejku) minn Ħal Luqa u ftit wara ingħaqad miegħu l-imgħallem Ġużeppi Galea (Tas-Sanità) minn Bengħajsa. Aktar 'il quddiem ix-xogħol tkompla mill-imgħallem Karmenu Żerafa (Ta' Patalajtu) minn Birżebbuġa, filwaqt li l-parti ta' fuq tal-kampnar inbniet mill-imgħallem Carmelo Sapiano. Periti oħra li mexxew ix-xogħol f'din il-knisja kienu l-Perit Ugo Mallia u l-Perit Profs. Giuseppe Colombo.[9]

Sal-1937, wara ħdax-il sena ta' bini fuq il-knisja parrokkjali l-ġdida, kien hemm lesti l-kor, il-kappelluni (fejn hemm in-niċeċ ta' Sant'Antnin u tal-Madonna ta' Fatima) u l-presbiterju (fuq l-artal maġġur). Għalhekk bil-permess tal-Isqof, il-ħnejja l-kbira li llum tifred il-presbiterju minn mal-korsija kienet ġiet imbarrata b'ħajt, sabiex dik il-parti li kienet lesta setgħet tintuża għas-servizzi reliġjużi, peress li din il-parti biss kienet diġà ikbar mill-knisja l-antika. Għalhekk nhar id-29 ta' Mejju 1937 kienet ġiet imbierka din l-ewwel parti tal-knisja l-ġdida mill-Isqof Emmanuele Galea, li kien anke qaddes l-ewwel quddiesa fiha. Imbagħad nhar *Corpus Domini* tal-istess sena, jiġifieri nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju, il-purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes ħarġet għall-aħħar darba mill-knisja l-antika ta' Marija Addolorata u daħlet għall-ewwel darba fil-knisja l-ġdida ta' San Pietru. Dakinhar is-sede tal-parroċċa kienet ġiet uffiċċjalment trasferita mill-knisja l-antika għall-ġdida, u allura t-titular tal-parroċċa nbidel għal dak ta' San Pietru fil-Ktajjen.



***Il-ħruġ tal-vara f'Jum il-festa 1948 qabel inbena il-kampnar***

Kien ġie magħżul l-ewwel Ħadd ta' Awwissu sabiex fih tibda tiġi ċċelebrata l-festa titulari ta' San Pietru, peress li sa dak iż-żmien fil-Missall Ruman tal-Knisja Kattolika, l-1 ta' Awwissu kienet is-solenità ta' *San Pietro in Vinculis,* il-ħelsien ta' San Pietru mill-ħabs skont kif inhu rrakkontat fil-ktieb ta' Atti tal-Appostli kapitlu 12 versi 6-19. Għalhekk naraw li l-ewwel festa titulari f'ġieh San Pietru ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 7 ta' Awwissu tal-1937. Għall-bidu l-festa kienet waħda żgħira, minħabba l-fatt li l-knisja kienet għadha qed tinbena u għalhekk ma kinitx tippermetti li jiġu ċċelebrati festi kbar. Kienu jsiru t-tridijiet, il-kant tat-*Te Deum* u t-translazzjoni bir-relikwa lejlet il-festa, u quddiesa solenni nhar il-festa filgħodu flimkien ma' purċissjoni bir-relikwa filgħaxija.

3 A.P.B., *Per una Chiesa da Edificassi in Birzebbugia – Esito,* 2. Dan ir-reġistru finanzjarju juri li nhar it-23 ta' Lulju tal-1926 il-Perit Godwin H. Galizia rċieva s-somma ta' 30 lira sterlina għall-pjanta tagħha.

4 Salvu Spiteri, *Il-Parroċċa ta' Birżebbuġa bil-Knisja Ġdida Tagħha,* Malta 1949, 12.

5 Ibid., 13.

6 Ibid., 14.

7 Ibid., 12.

8 A.P.B., *Ricorsi, Contratti altri Docum.,* 487.

9 A.P.B., *Per una Chiesa da Edificassi in Birzebbugia – Esito.*

Kienu jinġiebu predikaturi mill-aqwa filwaqt li l-funzjonijiet fil-knisja kienu jkunu akkumpanjati mill-mużika tal-magħruf kompożitur Mro. Lorenzo Gonzi (1888-1934) u l-orkestra kienet tkun immexxija minn ibnu Giuseppe. Fuq barra l-festa kienet waħda limitata peress li f'Birżebbuġa ma kienx hawn banda tal-post, pero` minkejja kollox xorta kienu jinġiebu baned barranin u l-ftit toroq li kien hemm viċin il-knisja kienu jintramaw b'diversi pavaljuni u liedna tal-ħaxix, fosthom Triq Sant Andrija li kienet fost l-ewwel toroq li bdew jintramaw għal din il-festa l-ġdida. Għaxar snin wara, propju nhar id-29 ta' Diċembru tal-1947, il-parroċċa żanżnet vara titulari ġdida ta' San Pietru li kienet ingħatat b'rigal minn Carmelo Axiaq (minn ta' Seqra). Dan l-episodju jista' jiġi meqjuż bħala l-muftieħ li wassal sabiex il-festa titulari ta' San Pietru bdiet tikber minn sena għall-oħra.

Illum il-ġurnata kull l-ewwel Ħadd ta' Awwissu Birżebbuġa tiċċelebra l-festa tagħha, festa li hi karraterizata minn diversi tradizzjonijiet li jiddistingwuha minn festi oħra. Iż-żmien għadda u l-poplu li jifforma r-raħal inbidel, u forsi anke ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa nbidlu mill-mod ta' kif kienu jiġu ċċelebrati tmenin sena ilu. Inħoss li hu xieraq li nagħlaq din il-kitba billi nfakkar il-memorja ta' ħafna nies li tul dawn it-tmenin sena ħadmu b'kull mod immaġinabli sabiex il-festa titulari tar-raħal tagħna tibqa' ħajja u tikber tul is-snin.



*Il-Vara Titulari f'Jum il-Festa fi żminijietna*

Partit Laburista

**Il-Bar tal-Każin Laburista joffri xelta kbira ta' birra u spirti ġenwini bi prezzijiet irħas. Waqt li jservi ammont ta appetizers "iservi wkoll ikel bnin 'Mill-Kċina ta' Kurt chef b'esperjenza vasta f'dan il-qasam**

**Norganizzaw ukoll ikliet, parties u attivitajiet oħra Waqt li fost il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol iservi għazla ta' ħobz u ikel ieħor bi prezzijet irħas**

**Kurt il-'Bobo' jawgura il-festa t-tajba lill-poplu ta Birżebbugia kollu**

**Għall- bookings ċemplu 99965924**